**Minuti tal-Laqgħa nru 52 (kontinwzzjoni) tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 28 ta' April 2011 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.30 | 8.45 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.35 | 8.45 |
| Kunsillier Joseph DeMartino | 7.30 | 8.45 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30 | 8.45 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.30 | 8.45 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30 | 8.45 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.35 | 8.45 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.40 | 8.45 |
| Kunsillier Christopher Grech | Assenti | - |
| Kunsillier David Meilak | 7.30 | 8.45 |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.30 | 8.45 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku qara din id-dikjarazzjoni "Nirreferi għall-ittra tiegħi lis-Sur Ivan Bartolo li ġġib id-data tal-21 ta' Diċembru 2010 fejn jien tlabt lis-Sur Bartolo li s-servizzi tiegħu bħala editur tal-fuljett tal-kunsill ma kienux aktar meħtieġa. Jidher li kien hemm xi nuqqas ta' ftehim dwar din l-ittra u għalhekk nixtieq niċċara l-affarijiet. L-ewwelnett l-ittra ntbagħtet fid-dawl ta' dak li deher fil-fuljett numru 40 bid-data ta' Diċembru 2010, u li jien ma kontx muri l-kontenut tiegħu allavolja tlabt lill-editur għal aktar minn darba. It-tieni, ma kienx hemm żmien sabiex jiena ninforma lill-kunsill peress li konna fiż-żmien tal-festi tal-Milied u l-kunsill kien għad baqagħlu xi ġimgħat sabiex jerġa' jiltaqa'. Dan apparti l-fatt li jien ma kontx konxju li din id-deċizjoni kellha tkun tal-kunsill. Għaldaqstant, minħabba li jidher li kien hemm 'misunderstanding' dwar dan, ikun ta' ġid għall-kunsill tagħna li dik l-ittra tkun dikjarata li qiesa ma ntbagħtitx. Nisħaq iżda li kemm bħala Sindku, kif ukall bħala chairman tal-Bord Editorjali jien ghandi d-dover li nara l-kontenut kollu tar-rivista qabel ma tiġi ppublikata. Dan mingħajr preġudizzju għal kull deċiżjoni oħra li jista' jieħu l-kunsill f' dan ir-rigward.

**1.00 Riżoluzzjoni – KLM Nru 16**

1.01 Il-Kunsillier DeMartino qal li l-kunsill kellu quddiemu reżoluzzjoni u għalhekk qed jitlob li din tiġi diskussa. Kompla jgħid li f' Jannar li għadda hu kien talab vot dwar l-ittra mibgħuta mis-Sindku lill-editur tal-fuljett, u li l-kunsill kien ġie mċaħħad minn dan id-dritt, u li kien għalhekk li huwa kien ressaq din ir-riżoluzzjoni li kienet imressqa minnu u ssekondata minn ħames kunsillieri oħra.

1.02 Il-Kunsillier DeMartino hawn qara partijiet mir-reżoluzzjoni u anke ta rendikont ta' x' kien ġara.

1.03 Il-Kunsillier Sammut qal li forsi s-Sindku xtaq jispjega ruħu aktar, biss qatt ma ngħata din l-opportunita' minħabba li l-kunsillieri kienu jitilqu 'l barra mil-laqgħa.

1.04 Hawn qam battibekk bejn is-Sindku u l-Kunsillier Agius fejn is-Sindku beda jallega li l-Kunsillier Agius kien qallu li jekk il-kuntratt tal-iskart ma jingħatax lin-Northern Cleaners huwa kien ser imur indipendenti. Hawnhekk il-Kunisllier Agius beda jinnega dan, u s-Sindku min-

ħafna tiegħu beda jgħid li dan kien giddieb. Is-Sindku qal li din ma kienitx l-ewwel darba li saret din il-manuvra.

1.05 Il-Kunsillier DeMartino talab li jittieħed vot dwar ir-riżoluzzjoni - fejn il-membri kollha preżenti – jiġifieri s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsillieri DeMartino, Sammut, Farrugia, Mifsud, Agius, Fenech, Meilak u Fenech Adami vvutaw favur u għhalhekk ir-reżoluzzjoni għaddiet unanimament.

**2.00 Affarijiet Oħra**

2.01 L-Aġent Segretarju nforma lill-Kunsill li kien irċeva ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' finanzjament għar-restawr ta' postijiet storiċi żgħar fejn il-Kunsill kien qed jingħata estenzjoni sa l-aħħar ta' Settembru 2011 sabiex ilesti x-xogħol ta' restawr. Il-Kunsillier DeMartino fakkar lill-kunsill li huma kienu għamluha ċara fl-aħħar laqgħa kif għandha tkun il-kompożizzjoni tal-bord ta' aġġudikazzjoni.

2.02 L-Aġent Segretarju hawn qassam kopji tal-financial statements tal-kunsill għas sena 2010 u qal li dawn kienu tlestew dakinhar stess. Huwa ssuġġerixa li dawn għandhom jiġu diskussi u approvati mill-aktar fis, u dan sabiex ikun jista' jinbeda l-eżerċizzju tal-audit tal-kunsill. Il-Kunsillier Farrugia qalet li dawn jitħallew għal seduta oħra sabiex jingħataw ċans li jistudjaw dan ir-rapport, u qalet ukoll li l-accountant għandu jkun preżenti għal din il-laqgħa sabiex ikun jista' jispjegahom aħjar. Il-kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Farrugia.

2.03 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-proġett li kien qed jiġi propost permezz ta' għanjuna finanzjarju li l-MEUSAC kienet ser iġġib. Huwa qal li minn dan il-proġett kienu ser jibbenifikaw 4 kunsilli lokali li kellhom shelter tal-gwerra, u qal li l-kunsill tal-Mosta kien wieħed minn dawn. Il-Kunsillier DeMartino qal li jidhirlu li diġa` kien hemm xi proġett għal dan ix-shelter. Is-Sindku qali li kien ser jintuża dan l-istess proġett – liema proġett kellu jinbeda s-sena d-dieħla.

2.04 Hawnhekk saret diskussjoni dwar il-5-a-side football ground fejn sar qbil li l-bord il-ġdid ikun kompost kif ġej - bħala chairman Dr Paul Chetcuti Caruana, is-Sindku, bħala viċi chairman, is-Sur Mario Sammut, Kunsillier, is-Sur Simon Henwood, rappreżentant tal-Mosta Youth Nursery, ikun responsabbli mill-finanzi, filwaqt li bħala membri jkun hemm il-Perit Chris Grech, Kunsillier, kif ukoll is-Sinjuri Joe Quattromani u Oliver Camenzuli li huma rappreżentanti tal-Mosta Football Club.

2.05 Sar qbil ukoll li ssir applikazzjoni sabiex jigi stallat meter tad-dawl separat minn dak li hemm fil-preżent u li jkun jaqdi l-5-a-side pitch, sar qbil ukoll li jintbagħtu l-ħaddiema tal-kunsill sabiex ibiddlu ċ-ċwievet tat-tlett bibien tal-ground iż-żgħir u li kopja taċ-ċavetta tingħata lis-sur Simon Henwood, filwaqt li l-oħrajn jinżammu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li l-kunsill għandu jibda jingħata rendikont tad-dħul u l-ħruġ u l-ispejjes li jsiru kull tlett xhur u li dan l-item kellu jitniżżel fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill.

2.06 Il-Kunisllier Fenech tkellmet dwar il-Mosta Dome Festival u talbet lill-kunsill sabiex jikkonsidra li għall-edizzjoni li jmiss, u li ser issir fl-10 ta' Settembru 2011, jivvota 4,000 ewro għal din l-attivita` u dan biex jikkumplimenta d-dħul li jinġieb permezz ta' numru ta' sponsors. Il-kunsill qabel li jara x' kienet l-opinjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan.

**3.00 Aggornament**

3.01 Il-laqgħa spiċċat fi d-8.45p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv